MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-17 ta' Frar, 2011

Numru. 27/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**
**Vincent Galea bin Francis Xavier u Maria nee' Attard, imwieled fid-9 ta' Dicembru, 1953 u residenti fil-fond Maple Leaf,**
**Triq Santa Dminka, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 69953(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Vincent Galea li gie akkuzat talli nhar il-31 ta' Ottubru, 2008 ghal habta ta' 23:15hrs fi Triq il-Karl Bondin, Rabat, Ghawdex:

1. bhala operatur tal-istabbiliment Ritz Bar daqq jew ippermetta li tindaqq muzika amplifikata wara 23:00hrs b'tali mod li kienet qed tinstema' minn barra;

2. kif ukoll daqq jew ippermetta li tindaqq muzika amplifikata wara 23:00hrs minghajr licenzja minghand l-awtoritajiet kompetenti;
3. kif ukoll halla lil Chantelle Grima ID 241097(M) persuna taht is-sittax (16)-il sena tidhol gewwa l-istabbiliment tieghu;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi akkwiziti f'dina l-kawza jirrizulta illi l-imputat kellu permezz mill-pulizija ezekuttiva fejn il-hin ghal ftuh kien gie estiz sa nofs il-lejl u dana kif jirrizulta mill-verbal tas-17 ta' Frar 2011 u ghalhekk l-imputat ser jigi lliberat mill-ewwel zewg imputazzjonijiet.

Illi fir-rigward tal-ahhar akkuza jidher illi dina l-akkuza nghatat fid-dawl ta' dak dispost fil-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija fejn fl-artikolu 185(1)(b) hemm dispost madanakollu illi l-ebda xorb alkoholiku ma jista' jigi servut lil persuni ta' taht is-sbatax-il sena. Illi fil-kaz in dizamina ma jidhirx illi nbiegh xi xorb alkoholiku lill-minuri kkoncernata Chantelle Grima li xehdet illi hija marret fil-post in kwistjoni biex tixtri Coca-Cola.

Ghaldaqstant billi l-akkuzi ma gewx ippruvati l-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------